MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 18

17 ta' Settembru 2020

Minuti tas-seduta Nru. 18 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-uffiċċju amministrativ tal-Kunsill f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 17 ta' Settembru 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra s-Sinjuri E. Bartolo u I. Castillo li talbu jiġu skużati minħabba inpenn ieħor. Huma bagħtu notifika dwar dan permezz ta' imejl datat 17 ta' Settembru 2020. Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet mogħtija fiż-żewġ każi.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet transmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera A.Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.9.1. **(Ref: (P/9/4)** u talbet li din tinqara kif ġej:

*"5.9.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar x'ser jiġri mill-għassa, peress li ġie osservat li din ilha għal xi żmien magħluqa. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li f'kuntatt li kellha mal-Pulizija tal-Komunità, dawn esprimew ix-xewqa li jiltaqgħu mal-Kunsill biex jaġġornawħ bil-ħidma tagħhom."*.

1.3. Il-minuti tas-Seduta Nru. 17, li saret fis-17 ta' Awwissu 2020, bl-emenda skont il-minuta 1.2. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Ġbir ta' skart domestiku minn Triq id-Deru **(K/6/2/Vol V)(K/6/11)**

2.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.6.1. fil-minuti tas-seduta ta' qabel u pproponiet li fid-dawl tal-kuntatti li kien hemm mal-partijiet konċernati, għandha tintbagħat ittra lir-residenti tal-kondominju "Southridge".

2.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li essenjalment l-ittra taċċenna għall-obbligu tal-iżviluppatur li jipprovi spazju fil-binja sabiex l-iskart jinżamm ġewwa sakemm jinġabar. Intqal ukoll li l-Kunsill obbligat jiġbor l-iskart bieb-bieb u għalhekk ġiet indikata l-ħtieġa li jsir arranġament fuq bażi ta' kondominju bil-għan li dan jinġabar mill-istess binja, u hekk jiġi evitat inkonvenjent għal min joqgħod fil-livell tat-triq. Għaldaqstant, l-i*skip* li kien tpoġġa xi żmien qabel, ser jitneħħa. L-abbozz tal-ittra ġie moqri waqt is-seduta.

2.1.4. Il-Kunsill approva l-abbozz tal-ittra u ddeċieda li l-i*skip* jitneħħa fl-1 ta' Ottubru 2020.

## 2.2.1. Infurzar tar-regolamenti u Maniġġ ta' traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV).

2.2.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.1.6. tas-seduta ta' qabel u għarraf li r-rispons li kien hemm mill-pubbliku dwar il-miżuri li qed jipproponi l-Kunsill, bil-għan li tonqos il-konġestjoni fi Triq Ġorġ Borg Olivier, jinġabar fil-punti li ġejjin:

| **Proposta** | **Rimarki mill-Kumitat** |
|---|---|
| - Infurzar tal-liġi dwar ipparkjar doppju;<br>- Ħatt ta' merkanzija għandu jsir kmieni fil-filgħodu jew wara l-10.00am;<br>- Introduzzjoni ta' *tracking system* li twaqqaf it-traffiku li jkun ġej fid-direzzjoni opposta permezz tat-*traffic lights*, waqt li jkunu għaddejjin vetturi kbar. | - Il-Kumitat innota li wara studju li sar minn Transport Malta rriżulta li sistema ta' *traffic lights* li jalternaw id-direzzjoni tat-traffiku mhijiex fattibbli minħabba serbut tat-vetturi li jinħoloq, fid-direzzjoni lejn Triq il-Marfa. |
| - Issir sistema ta' *traffic lights* simili għal dik li saret fi Triq il-Madliena, Ħal Għargħur. | |
| - Triq ĠBO ssir *one-way* lejn Triq il-Marfa sabiex jonqos it-tniġġiż tal-arja u jonqsu l-ħsejjes;<br>- Isir *roundabout* fi Triq ĠBO k/m Triq Adenau / San Publiju u oħra fi Triq il-Kbira k/m Triq l-Għoljiet / in-Naħal, biex b'hekk il-partijiet id-dojoq tat-toroq ewlenin jiġu limitati għat-traffiku ntern u għall-ħatt ta' merkanzija;<br>- Jitwessgħu l-bankini u jitħawwlu siġar jew arbuxxelli. | - Il-Kumitat innota li l-ideja tal-*one-way* diġa ġiet diskussa fil-passat u twarrbet minħabba li ma jeżistux toroq oħra li jistgħu jieħdu l-volum ta' traffiku li jgħaddi minn Triq ĠBO. |
| - Issir żona pedonali sabiex: (a) titkattar l-attività kummerċjali; (b) titjib fl- estetika tat-triq; (ċ) jonqos it-tniġġiż u l-konġestjoni tat-traffiku.<br>- Ikun hemm parkeġġ mingħajr ħlas. | |
| - It-toroq li hemm biswit Triq ĠBO mhumiex wiesgħa biżżejjed biex jiġu kkunsidrati bħala alternattivi għalihom, għalkemm saru attentati f'din id-direzzjoni li ma rnexxewx;<br>- Infurzar tar-regolamenti mhux limitat għat-toroq ewlenin biss;<br>- Rotta differenti tal-karozzi tal-linja toħloq inkonvenjenzi, anke jekk mhux kollha ser jkunu affettwati; | - L-osservazzjoni li saret dwar il-bdil ta' ċerti rotot tal-karozzi tal-linja hija bbażata fuq l-assunzjoni li r-residenti u/jew l-attività kummerċjali huma kkonċentrati madwar it-toroq ewlenin, meta triq bħalma hija Triq Qasam Barrani tinsab fil-qalba urbana tal-Mellieħa;<br>- Dwar l-projbizzjoni tal-ipparkjar fil-partijiet indikati, il-Kumitat innota li din il-miżura żgur li taffettwa l-attività |

| | |
|---|---|
| - L-ipparkjar għandu jkun ipprojbit fi Triq ĠBO, bejn Triq it-Tonn u Triq il-Qalb Imqaddsa, u fi Triq il-Kbira bejn Triq Franġisk Zahra u Triq il-Mitħna l-Qadima. | kummerċjali u ġġib rejazzjoni mill-GRTU. |
| - Triq ĠBO issir *one-way* 'il fuq ħlief għall-karozzi tal-linja. | |
| - Sabiex it-triq tibqa' *two-way* huwa meħtieġ li jiġi pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi u jitħallew biss *drop-off* u *pick-up points*. Alternattivi oħra mhumiex prattiċi għaliex it-toroq tal-madwar huma dojoq. | |
| - Jekk ir-rotot tal-linja jgħaddu mill-*bypass*, ikun ifisser li n-numru ta' *bus stops* jonqos għal tlieta - wieħed fejn ir-*roundabouts* ta' Triq il-Marfa k/m Dawret il-Mellieħa, Triq L. Wettinger k/m Dawret il-Mellieħa, u dik ta' Selmun.<br><br>- Tibdil fir-rotot tal-linja biex tintuża l-*bypass*, jitlob li jkun hemm *shuttle service* u allura jkun ifisser li wieħed irid jistenna darbtejn. It-tnaqqis tas-servizz minn Triq ĠBO ser joħloq inkonvenjent għal minn juża s-servizz tal-karozzi tal-linja.<br><br>- Jitneħħa l-ipparkjar bejn Triq it-Tonn u Triq il-Qalb Imqaddsa.<br><br>- Il-ħatt isir qabel id-9.00am.<br><br>- Ikun hemm ipparkjar limitat bil-ħin fi Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Parroċċa, u fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, u toroq oħra, iżda għandu jitħalla spazju għar-residenti ta' dawk it-toroq.<br><br>- Spazji ndikati b'linji sofor quddiem djar għandhom jiġu riveduti.<br><br>- In-numru ta' postijiet għall-ipparkjar fi Triq ĠBO huwa għaxra biss, u minħabba fihom qed tinħoloq il-konġestjoni kollha. Dan jista' jitħalla f'ħinijiet l-aktar kajmani tal-ġurnata, bejn is-7.00pm u t-8.00am jew id-9.00am. | - Jidher li l-persuna li ressqet din il-proposta mhijiex konxja li r-rotot tal-*bypass* ser jinkludu wkoll Triq Qasam Barrani.<br><br>- Il-liġi tiddefinixxi l-kelma "Residenti" bħala persuni li għandhom il-karta tal-identità fil-lokalità u mhux ir-residenti ta' xi triq partikulari.<br><br>- Spazji ndikati b'linji sofor isiru biss garaxxijiet biss. |
| - L-inizjattivi li jridu jittieħdu jeħtieġ li jkunu parti minn pjan ħollistiku u mhumiex kwistjoni ta' infurzar tar-restrizzjonijiet eżistenti. Għalkemm dan huwa meħtieġ, waħdu mhux ser isolvi l-problemi kollha.<br><br>- Wieħed mir-rimedji huwa li jiġi skoraġġit illi t-traffiku jgħaddi minn Triq ĠBO, billi jżid il-ħin biex wieħed jgħaddi minn hemm, filwaqt li jipprovdi toroq oħra bħalma hija il-*bypass*.<br><br>- Jiġu nstallati *traffic lights* li jalternaw id-direzzjoni tat-traffiku, li minnhom fihom itawwlu l-ħin biex wieħed jgħaddi minn Triq ĠBO. | |

| | |
|---|---|
| - Miżura oħra tista' tkun li jibqa' l-ipparkjar u t-triq issir *one-way*, iżda jitwessgħu l-bankini sabiex ma jkunx possibbli li wieħed isuq b'veloċità qawwija.<br><br>- Kull miżura li tiġi addottata għandha tkun bi prova sabiex kull minn jiġi affettwat jidraha u/jew ipperfezzjonata qabel jiġi deċiż li tibqa' fuq bażi permanenti.<br><br>- L-użu tal-karozzi tal-linja għandu jiġi nkoraġġit u għalhekk m'għandux ikun spusstjat lejn il-periferija. | |

2.2.3. Il-Kunsillier M. Abela qal li huwa ma jaqbilx li l-ipparkjar ikun limitat bil-ħin fi Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Parroċċa, u fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, u oħra. Din il-miżura tkun qed tifrex il-problemi ta' Triq Ġorġ Borg Olivier peress li fit-toroq tal-qrib diġa jeżisti nuqqas ta' spazzju għall-ipparkjar mill-istess residenti.

2.2.4. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li f'Diċembru 2019 kienet inġabret lista' ta' fornituri li jiffrekwentaw il-ħwienet tat-toroq ewlenin, illi ġiet mgħoddija lill- GRTU – Chamber of SME's biex jikkuntattjaw lill-istess fornituri ħalli jirregolaw il-ħinijiet tat-tqassim tal-merkanzija. Jidher li dan l-eżerċizzju ma sarx.

2.2.5. Il-Kunsillier M. Abela qal li fil-lista hemm numru ta' fornituri ewlenin li mhumiex membri tal-GRTU. Apparti dan, uħud mill-fornituri ewlenin huma maqsuma f'dipartimenti li jaħdmu indipendentement minn xulxin.

2.2.6. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li l-Kumitat kien tal-opinjoni li għal darba oħra għandu jiltaqa' mal-GRTU u jiddiskuti proposti ġodda, fis-sens li l-vetturi għall-ġarr ta' merkanzija għandhom jinqasmu fi tliet kategoriji skont it-tunnellaġġ, f'dak li jirrigwarda l-ħinijiet li jistgħu jfornu n-negozji, kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Sa tunnellaġġ massimu mhux iktar minn 3.5 tunellata | Fi kwalunkwe ħin |
| Sa tunellaġġ massimu bejn 3.5 u 12-il tunnellata | Mis-1.00 pm u l-4.00 pm |
| Tunnellaġġ massimu li jaqbeż 12-il tunnellata | Qabel id-9.00 am |

2.2.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li fir-rigward ta' ħwienet li jgħalqu f'nofs il-ġurnata, li ssir it-tqassim tal-merkanzija bejn is-1.00pm u l-4.00pm jfisser li ser jitgħabbew bl-ispejjeż tal-ħaddiema.

2.2.8. Il-Viċi Sindku qal li ser jidħol f'dan l-aspett aktar fid-dettal b'konsultazzjoni mal-Kunsillieri M. Abela u K. Buttigieg, li għandhom esperjenza f'dan il-qasam.

2.2.9. Fil-laqgħa mal-GRTU għandha tinġibed l-attenzjoni li mill-konsultazzjoni pubblika, irriżulta li hemm pressjoni sabiex jiġi pprojbit l-ipparkjar fil-parti d-dejqa ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq it-Tonn u Triq il-Qalb Imqaddsa.

2.2.10. Il-Viċi Sindku spjega li l-Kumitat osserva li l-ipparkjar huwa limitat għal 45 minuta bejn id-09:00 u s-13:00 u bejn l-16:00 u s-18:30, minbarra l-Ħdud u btajjel pubbliċi. Sabiex ir-restrizzjoni eżistenti jiġu simplifikati, il-Kumitat qed jipproponi li din ir-restrizzjoni tkun kontinwa bejn id-09:00 u s-18:00. Għall-istess għan, iż-żoni għall-irmonk għandhom jiġu eliminati u jingħaqdu ma' dawk indikati KEEP CLEAR u jkunu fis-seħħ matul il-ġranet kollha għal erba' u għoxrin siegħa.

2.2.11. Il-Kunsillier M. Abela qal li l-proposta skont il-minuta 2.2.9. għandha tkun immonitorjata permezz tal-cameras.

2.2.12. Is-Sindku D. Vella qal li ser jagħmel kuntatti sabiex issir laqgħa mal-uffiċjali konċernati fil-LESA dwar il-monitoraġġ tal-cameras.

2.2.13. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li f'laqgħa li saret, ma' uffiċjali minn Infrastructure Malta, fil-post indikat għall-*interchange* tal-karozzi tal-linjadawn irrakkomandaw li jitnaqqsu s-*soft areas* madwar ir-*roundabout* ta' Selmun, sabiex jakkomodaw il-karozzi tal-linja. L-istess uffiċjali qalu li l-*interchange* ma jistax isir fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, peress li tecknikament ma jistax jiżdied ħruġ ieħor fuq ir-*roundabout*. Il-Kumitat mhux qed jaqbel li jonqsu s-*soft areas*, u minflok qed jipproponi li l-*interchange* isir fi Triq Selmun fejn ikun meħtieġ li tittieħed art li qiegħda 'l barra mill-linja tal-iżvilupp, u allura hemm dubbji kemm jinkiseb il-permezz mill-Awtorità tal-Ippjanar. Għaldaqstant ġie propost li ssir laqgħa ma' l-uffiċċju konċernat fl-Awtorità tal-Ippjanar, bil-għan li jinkiseb tagħrif dwar dan l-aspett.

## 2.3.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)

2.3.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuti 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-14 ta' Settembru 2020 saret il-preżentazzjoni ta' nofs l-għotja allokata taħt din l-iskema, li tammonta għall-€3,000. Il-Kunsill ġie mfakkar li dawn il-fondi huma intiżi biex jiġi organizzat avveniment sportiv, li issa ġie pospost għall-Ġunju 2021. Il-bilanċ jingħata wara li jseħħ l-avveniment. Skema simili mistennija titħabbar għas-sena 2021.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

2.4.2. Saret referenza għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm laqgħa dwar din il-materja mal-iżviluppatur tas-sit li jiġi biswit it-taraġ imsemmi. Għaliha attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Minnha rriżulta li x-xogħol fis-sit biswit it-taraġ għadu għaddej u għalhekk dan ma jistax jinfetaħ mill-ġdid. Ġie spejegat li hekk kif jintemm ix-xogħol fis-sit attwali, ser jiġi skavat dak fuq in-naħa l-oħra tat-taraġ. Dan ser itawwal il-żmien biex it-taraġ jinfetaħ għall-pubbliku.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Miżura 3 -Fond AgrikoluEwropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/38)

2.5.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.16.1. tas-seduta ta' qabel u ressaq *demo* dwar kif tista' tinbena l-app proposta. Ġie spjegat li din tista' tiġi promossa fil-lukandi u b'mezzi oħra u tkun tista' titniżżel mill-internet. Għandha ssir mill-inqas b'ħames lingwi – Malti, Ingliż, Taljan, Franċiż, u Ġermaniż. Il-QR Codes li jitpoġġew f'postijiet prominenti fejn siti storiċi u jagħtu l-faċilità lil min iżurhom li jiksbu tagħrif storiku dwarhom, anke meta l-istess siti jkunu magħluqin.

2.5.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni għall-fondi.

## 2.6.1. Użu temporanju tas-sala tal-Kunsill bħala Ċentru Anzjanità Attiva (A/1/2/Vol VII)

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.7.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li tkomplew il-kuntatti mad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, minħabba l-arranġamenti li saru b'rabta mal-Covid-19. Hija għarrfet li s-Sala tal-Kunsill hija żgħira wisq sabiex takkomoda numru ta' anzjani meta jitqies li trid tiġi osservata d-distanza soċjali stabbilita. Irriżulta wkoll li l-Berġa ma tistax tintuża peress li qed tkun okkupata kollha għall-istess raġunijiet. Għaldaqstant saru arranġamenti temporanji mal-Parroċċa sabiex isir użu miċ-Ċentru Parrokkjali.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. *Bus Shelter* fi Triq il-Kbira (B/6/Vol V)

3.1.2. Kunsillier M. Abela aċċenna għall-*bus shelter* li kien hemm fi Triq il-Kbira faċċata Triq il-Garżella, u staqsa dwar jekk jistax jinħadem wieħed żgħir li joqgħod bejn l-aċċessi għall-bini l-ġdid li attwalment hemm.

3.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li saru diversi laqgħat fuq il-post ma' sid il-proprjetà, u Transport Malta. Minn pjanta li saret mill-perit ta' Transport Malta rriżulta li l-iżgħar *bus shelter* li jinstalla l-kuntrattur tagħhom ma joqgħodx fuq il-post. Minn naħa l-oħra, jekk wieħed jikkonsidra li jiċċaqqlaq, jiġi affaċċjat bl-istess ċirkostanzi.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel li għandu jsir attentat ieħor ma' Transport Malta bil-għan li jsir xi forma ta' *bus shelter* li huwa iżgħar mill-qies standard addottat mill-istess awtorità.

### 3.2.1. Mafkar lis-Sur Jimmy Muscat (M/9)

3.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017, meta kien ġie deċiż li jitwaqqaf bust ta' Jimmy Muscat f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, man-naħa tal-Bitħa tas-Santwarju. Hija staqsiet dwar fejn waslu l-affarijiet.

3.2.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa kien talab lill-*Contracts Manager* sabiex jissottometti applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 15/09/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 27/07/20 – 31/08/20
- Skeda ta' Pagamenti – 15/08/20 – 15/09/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2020

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Tellieqa (Everesting) bir-roti f'Dawret il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol 92)

5.1.2. Saret referenza għall-applikazzjoni tal-avveniment imsemmi li huwa ppjanat li jseħħ fuq jumejn, jibda mis-Sibt fis-6.00pm it-3 ta' Ottubru 2020 u jintemm l-għada l-Ħadd f'nofsinhar. Dan jitlob li tingħalaq il-korsija ta' barra fid-direzzjoni lejn Ta' Pennellu, filwaqt li dik ta' mas-*centre-strip* tibqa' miftuħa għat-traffiku. Transport Malta ma sabux oġġezzjoni sakemm jiġu osservati l-kundizzjonijiet imposti minnhom.

5.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir l-avveniment, sakemm Dawret il-Mellieħa tibqa' miftuħa għat-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet, kif ukoll ikun hemm polza ta' assikurazzjoni, isir *risk assessment* sabiex jiġi żgurat li l-attività tiżvolġi skont il-protokol stabbilit mill-awtoritajiet tas-Saħħa.

### 5.2.1. Tlielaq bil-karozzi fil-Miżieb (A/6/3/2/Vol 92)

5.2.2. Saret referenza għal applikazzjoni mressqa mill-Island Car Club sabiex jorġganizzaw tlielaq bil-karozzi fil-Miżieb nhar il-Ħadd, 25 ta' Ottubru 2020. Ġie spjegat li dan l-avveniment jinvolvi li t-triq tal-Miżieb tingħalaq minn Triq Għajn Tuffieħa sa Triq Lewis Wettinger, kif ukoll l-għeluq tal-korsija ta' barra, bejn ir-*roundabout* ta' Selmun u dik Ta' Pennellu, fid-direzzjoni tal-aħħar. Huwa qal li l-organizzaturi kisbu *clearance* mill-awtoritajiet tas-Saħħa u

mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, filwaqt li sar *risk assessment* u huma koperti b'polza tal-assikurazzjoni.

5.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir l-avveniment, sakemm Dawret il-Mellieħa tibqa' miftuħa għat-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet, fid-dawl tal-*clearances*, u l-miżuri msemmija.

### 5.3.1. Spettaklu pirotekniku mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol IV)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' Settembru 2020, mibgħut mill-għaqda msemmija, fejn appellaw lill-Kunsill jikkontribwixxi għall-iniżjattiva tagħhom li ser titwettaq fl-7 u t-8 ta' Settembru 2020 fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja.

5.3.3. Il-Kunsill laqa' l-appell u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jikkommetti aktar minn €800 għal din it-talba.

5.3.4. Is-Sindku D. Vella aċċenna għal imejl datat 27 ta' Lulju 2020, fejn intalab l-involviment tal-Kunsill f'wirja kollettiva li kellha issir fis-7 u 8 ta' Settembru 2020, iżda ġiet ikkanċellata minħabba l-Covid-19.

5.3.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li għalkemm din l-iniżjattiva ġiet ikkanċellata, l-għajnuna għandha tingħata din is-sena wkoll, fid-dawl ta' nuqqas ta' dħul li din u għaqdiet simili qed jaffaċċjaw.

5.3.6. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.3.5. u estendiha wkoll lill-Grupp tal-Armar tal-Festa.

### 5.4.1. Ġbir ta' ħġieġ bieb-bieb (K/6/2/Vl V)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Settembru 2020, fejn GreenPak għarrfu li l-ġabra tal-ħġieġ skedata għall-Ġimgħa 18 ta' Settembru ser issir kif kienet qabel, ossija li tkun tinkludi wkoll it-teħid tal-kartun. Din ser issir darba biss sabiex il-kartun ma jitħalliex ma jinġabarx. Dan minkejja li l-pożizzjoni tal-iskema hija li jintużaw kontenituri illi jistgħu jibqgħu jintużaw minn darba għal'oħra. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-iskema qed tistennew l-eżitu' tat-taħditiet li kien hemm mal-Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima, u l-Ippjanar.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għal nota mibgħuta mill-Kunsillier I. Castillo, fejn aċċenna li d-*domes* fil-*bring-in site* qed idumu ma jitbattlu, bir-riżultat li l-Kunsill ikollu jqabbad kuntrattur bi ħlas sabiex ineħħi l-iskart li jitħalla maġenbhom. Is-Sur C. Debono, ikkummenta li minn dak illi jiġi osservat mill-camera, ikun hemm xi individwi li jbattlu l-iskart kif suppost, filwaqt li jħallu l-kaxxi fl-art. Huwa susspettat ukoll li operaturi ta' stabbilimenti qed iġibu l-ħġieġ fi kwantitajiet kbar, meta l-faċilità mhux intiża għal skart kummerċjali.

5.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1. *Notte Bianca* fil-Mellieħa (N/1/Vol II)

5.5.2. Saret referenza għall-imejl datat 4 ta' Settembru 2020 mibgħut minn Festival Malta, fejn għarrfu li huwa ppjanat illi l-edizzjoni 2020 ta' *Notte Bianca*, toħroġ mill-Belt Valletta u ssir anke f'lokalitajiet oħra. Għaldaqstant qed jipproponu li parti minnha ssir f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru 2020. Din tkun tikkonsisti f'*performance* teatrali u kunċert mill-banda ta' Spiteri Lucas. Ingħad ukoll li ser jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha mitluba mill-awtoritajiet tas-Saħħa u se jsir *risk assessment*. L-organizzaturi talbu li ssir laqgħa fuq il-post sabiex tiġi diskussa l-loġistika nvoluta.

5.5.3. Il-Kunsill kien xettiku dwar kemm attività ta' dan it-tip għandha ssir fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija Covid-19. Minn naħa l-oħra, billi l-organizzatur huwa entità governattiva, il-Kunsill preżuma li Festival Malta ser iseġwu l-protokol indikat mill-awtoritajiet tas-Saħħa.

**5.6.1. Żona riżervata quddiem ċ-*Childcare Centre* fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XV)**

5.6.2. Inqarat ittra datata 19 ta' Awwissu 2020 mibgħuta minn ġenitur sabiex jiġu riżervati żewġ spazji għall-ipparkjar quddiem iċ-ċentru għall-minn iġib u jieħu t-tfal.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandhomx jiġu ntrodotti aktar restrizzjonijiet fuq l-ipparkjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Din id-deċiżjoni ttieħdet billi l-ġenituri jisgħtu jipparkjaw quddiem il-garaxx taċ-ċentru, li effettivament huwa parkeġġ riżervat

5.7.1. ***Speed humps* fi Triq Għajn Żejtuna** **(T/3/2/Vol XII)**

5.7.2. Inqrat petizzjoni minn ħdax-il resident ta' Triq Għajn Żejtuna li lmentaw minn inkonvenjent kkawżat minn *speed hump* li saret qrib ir-residenza tagħhom u għaldaqstant qed jitolbu li din titneħħa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-Seduta 56 tal-24 ta' Mejju 2016, kien ġie deċiż li din il-*hump* ma ssirx wara li saret konsultazzjoni mal-istess residenti. Din id-deċiżjoni ġiet sussegwentement annulata minn Transport Malta.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta.

**5.8.1. Faċilità għal ħatt u tagħbija u *speed hump* fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XV)**

5.8.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 25 ta' Lulju 2020, iffirmata minn 26 persuna nvoluti f'negożji li joperaw bejn Dawret it-Tunnara u Triq it-Trill, faċilitajiet għall-ħatt, minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom. Qed jitolbu wkoll li jsiru *speed humps* u *dog bins* f'dik iż-żona.

5.8.3. Il-Kunsill approva li jingħataw faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq il-Marfa biswit il-parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità. Minn naħa l-oħra ma kienx hemm approvazzjoni dwar l-introduzzjoni ta' *speed humps*.

**5.9.1. *Masterplan* dwar il-Park tal-Majjistral u l-falkunerija** **(P/10/34)**

5.9.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li l-Bord tal-Park tal-Majjistral ressaq il-*Master Plan* dwar il-Park tal-Majjistral lill-Ministru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar – l-Onor. Aaron Farrugia. Huwa qal li l-Ministeru huwa kommess b'allokazzjoni ta' 11-il miljun euro fuq medda ta' ħames snin.

5.9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-Bord iddiskuta proposta sabiex il-park jintuża għall-prattika tal-arti tal-falkunerija. Is-Sur J. Buttigieg qal li din il-proposta kienet kontroversjali ħafna, iżda ġiet aċċettata mill-maġġoranza tal-membri.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Festival tal-Baned u l-Logħob tan-Nar u taħriġ dwar attivajiet kulturali (A/5/5/Vol VII)( E/3/2/Vol II)**

5.10.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għat-tagħrif li huwa ta fis-Seduta Nru. 10 tat-12 ta' Frar 2020, dwar l-avveniment imsemmi, li kien ser jittella' mir-Reġjun tat-Tramuntana fil-lokalitajiet tar-Rabat l-Imġarr u l-Mosta fil-15, 16 u 17 ta' Mejju 2020, bil-parteċipazzjoni tal-baned Imperial u La Vittoria, flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina. Huwa għarraf li l-Kumitat Reġjonali ddeċieda li dan jiġi pospost għall-April u Mejju 2021 minħabba l-pandemija Covid-19.

5.10.3. Is-Sur J. Buttigieg irrefera wkoll għal imejl datat 31 ta' Awwissu 2020, fejn ir-Reġjun Tramuntana għarraf li ser isir kors għall-membri eletti u uffiċjali fil-Kunsill Lokali nvoluti fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għall-kors imsemmi jattendu s-Sindku u l-uffiċjal l-aktar involut fl-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet.

## 5.11.1. *World Clean-Up Day* (T/6/1/Vol III)

5.11.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li f'dak li jirrigwarda l-lokalità, l-attivitajiet marbuta mal-*World Clean-Up Day* ser jinvolvu l-bajjiet tal-Għadira, u tal-Mixquqa nhar is-Sibt 19 ta' Settembru 2020 mis-7.00am sal-11.00am. Hija qalet ukoll li f'laqgħa li saret fl-14 ta' Settembru rriżulta li fl-Għadira ser ikunu nvoluti il-Birdlife Malta, Nature Trust, u l-grupp Free Hour. Il-Ministri tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar A. Farrugia, kif ukoll il-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi O. Bonnici, ser ikunu qed iżuru l-Għadira waqt l-istess attività. Is-Sinjura R. Bartolo Cutajar ħeġġet lill-Kunsillieri sabiex jieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Qtajja' mhux mibnija (P/5/2/Vol II)

5.12.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li qed tiġbor lista ta' qtajja' mhux mibnija li qed jagħtu dehra kerha fejn jinsabu, bil-għan li tittieħed azzjoni dwarhom, possibilment mas-sidien.

5.12.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li fejn ma jkunx magħruf is-sit, kienet ġiet stabbilita proċeduri mal-Awtorità tal-Ippjanar, li permezz tagħha l-istess awtorità tibni ħajt bejn il-qatgħa u t-triq billi tutilizza fondi mid-*Development Planning Fund*. Sussegwentement dawn jiġu rkuprati, kemm-il darba tidħol applikazzjoni għall-iżvilupp tal-istess sit.

5.12.4. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi segwita l-proċedura indikata fil-minuti preċedenti.

## 5.13.1. Ipparkjar fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol XV)

5.13.2. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna li l-ipparkjar fin-naħa ta' ġewwa nett tat-triq imsemmi, qed joħloq inkonvenjent għar-residenti li għandhom garaxxijiet hemmhekk. Għaldaqstant ippropona li jsiru linji sofor doppji billi l-ispazju huwa limitat.

5.13.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ippropona li jsiru żewġ *bollards* fil-parti t'isfel tal-passaġġ fi Triq ir-Rattan li aktar 'il quddiem irid jitwessgħa biex issir it-triq.

5.13.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li riċentement Infrastructure Malta talbu permess sabiex isir l-asfaltar tal-parti ta' Triq ir-Rattan, li tiġi bejn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u Triq Ta' Masrija.

5.13.5. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

5.13.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-pjanta għandha tiġi murija lis-sid konċernat.

## 5.14.1. Tellieqa fi Triq l-Armier (A/6/3/2/Vol 92)

5.14.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li Athletics Malta talbu sabiex jorganizzaw tellieqa fi Triq l-Armier nhar il-Ħadd 4 ta' Ottubru 2020, fejn jeħtieġ li din tingħalaq nofsha biss waqt li jkunu għaddejjin it-tlielaq. L-attività ser issir bl-appoġġ tal-Kumitat Olimpiku Malti.

5.14.3. Il-Kunsill approva l-arranġament mitlub, kif wkoll li jsir *risk assessment* u jiġu osservati l-miżuri ndikati mill-awtoritajiet tas-Saħħa b'rabta mal-Covid-19. Kien hemm qbil li l-organizzaturi jiġu eżentati mill-ħlas marbut mal-ħruġ tal-permess.

## 5.15.1. Użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

5.15.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li għall-istaġun 2020/21 teżisti domanda għall-użu tal-multi-purpose court mit-Timijiet tan-Netball u l-Basketball, Tritons Sports Club, u għall-ewwel darba mit-tim tal-Futsal fi ħdan il-Mellieħa Sports Club. Kompla jgħid li biex jiġu akkomodati s-sessjonijiet ta' taħriġ kollha ser ikun meħtieġ li nhar ta' Erbgħa, bejn Novembru u Marzu, il-ħin tal-kustodju jittardja b'nofs siegħa – ossija jibda fil-5.00pm u jispiċċa fid-9.00pm.

5.15.3. Is-Sur K. Buttigieg qal illi huwa importanti li tinżamm l-iskeda stabbilita u kanċellament ta' sessjonijiet jiġu notifikati lill-uffiċċju tal-Kunsill. Hija l-intenzjoni li dawn il-fatturi jiġu spjegati waqt laqgħa li ser issir għal min jagħmel użu mill-*court* fil-preżenza tal-kustodju u l-uffiċjal konċernat fis-segretarjat tal-Kunsill.

5.15.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono li għandu jkun hemm ftehim bil-kitba dwar l-użu tal-faċilitajiet imsemmija.

5.15.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 5.16.1. Mellieħa SC Futsal (S/6/Vol IV)

5.16.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u qal li saret sejħa għall-istimi sabiex jiġu pprovduti ħwejjeġ li jintlibsu waqt il-logħob. Kompla jgħid li rappreżentant mill-Kunsill ġie mistieden jippreżenta dawn il-ħwejjeġ fil-bidu tal-istaġun.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 (F/5)

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni għall-minuta 5.17.1. tas-seduta preċedenti u pproponiet li jiġu ffissati prezzijiet tal-kotba li japplikaw għall-festival.

5.17.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għall-punt imsemmi fl-ittra ta' direzzjoni tal-uditur għas-sena finanzjarja 2019, fejn ingħata parir sabiex il-prezz ta' pubblikazzjonijiet illi ilhom li saru jiġi skontat bil-għan li jitnaqqas l-istokk tagħhom.

5.17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-prezz tal-kotba għandu jkun kif ġej:

| **Pubblikazzjoni** | **Prezz skontat (€)** |
|---|---|
| *Mellieħa Through the Tides of Time* (L-Ewwel Volum) | €10.00 (*Soft Bound*) |
| *Mellieħa Through the Tides of Time* (It-Tieni Volum) | €15.00 (*Hard Bound*)<br>€10.00 (*Soft Bound*) |
| Ma' kull volum jingħataw bla ħlas il-kotba "Dati Storiċi", "*Quest for Identity*", "Iż-Żija tal-Mellieħa", "*Wartime Mellieħa*" Vol I u II; u s-CD's "El Mellaha" u "L-Imħabba fuq il-Għolja" | |

| | |
|---|---|
| L-Għanja ta' Ħajti | €3.00 |
| Ma' kull ktieb l-Għanja ta' Ħajti jingħata mingħajr ħlas il-ktieb "Dati Storiċi" | |

| | |
|---|---|
| Ktieb "Naħal tal-Imħabba" bis-CD | €5.00 |
| Ma' kull ktieb "Naħal tal-Imħabba" u s-CD jingħata mingħajr ħlas il-ktieb "*Quest for Identity*" | |

## 5.18.1. Bejta tal-fkieren fil-Bajja tal-Għadira (A/4/5/Vol II)

5.18.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rriferiet għall-minuta 5.18.1. tas-seduta ta' qabel u aċċennat għall-ispejjeż li qed jaffaċċjaw in-Nature Trust sabiex isegwu it-tifqis tal-bajt tal-fkieren fir-

ramla tal-Għadira. Fost dawn hemm it-testijiet tad-DNA illi qed isiru, li jiswew madwar €1,500 kull wieħed. Hija staqsiet dwar jekk il-Kunsill jistax jintervjeni f'dan ir-rigward.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li din it-tip ta' finanzjament ma jinkwadra bl-ebda mod fil-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali nklużi fl-Artiklu 33 tal-Att Dwar Gvern Lokali.

### 5.19.1. Stampar ta' *comic book* għat-tfal (P/3/2/Vol V)

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-inizjattiva tal-*comic book* għat-tfal ta' bejn tmienja u ħdax-il sena li sar bil-Malti u l-Ingliż. Hija għarrfet li x-xogħol tal-istampar tlesta u għalhekk ipproponiet li dan jiġi ppreżentat lill-amministrazzjoni tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Festival tal-Ktieb, kemm-il darba din tkun fetħet mill-ġdid wara l-miżuri tal-Covid-19.

5.19.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 5.20.1. Għoti ta' injezzjonijiet kontra l-influwenza (M/8/Vol VI)

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-voluntieri li kienu jagħtu l-injezzjonijiet tal-influwenza huma persuni vulnerabbli minħabba l-età, u minn naħa l-oħra għadu mhux ċar x'ser jiġri fiċ-ċirkostanzi tal-Covid-19, kemm dwar meta dawn ser jingħataw, kif ukoll min ser ikun intitolat joħodhom mingħajr ħlas.

5.20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.21.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/9/Vol VI)

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, irreferiet għall-kuntatti li hija kellha mad-diriġent responsabbli mill-*unit*. Huwa ppjanat li l-istess *unit* jżur il-Mellieħa nhar il-Ħadd 4 ta' Ottubru 2020.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 3/2020, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi t-tneħħija ta' tagħmir eżistenti u rubber flooring fl-outdoor gym tal-Park tal-Familja, kif ukoll ix-xiri, u tqegħid fil-post ta' tagħmir ġdid;***

***Billi l-għaxar offerti li saru ġew evalwati mil-lat tekniku mill-Contracts Manager tal-Kunsill skont rapport datat 5 ta' Awwissu 2020, flimkien ma' evalwazzjoni li saret minn kumitat maħtur apposta, skont rapport datat 17 ta' Awwissu 2020; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2020 ma kinux ġew allokati fondi għal dan il-għan, għandu jsir virement ta' €12,000 mill-vot 7527 (Żvilupp ta' Ġnien Pubbliku fi Triq Mons. F. Xuereb) għall-vot 7509 (Park tal-Familja) sabiex flimkien ma' għotja ta' €10,000 minn SportMalta, jagħmlu tajjeb għall-ispiża nvoluta ;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Gokker Ltd li għamel l-irħas offerta li hija konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta.".*** ***(P/4/6/Vol VI)***

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

### 7.1. Nominazzjonijiet għal premjijiet Anzjanità Attiva (N/1/Vol II)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-kriterji dwar il-premjijiet imsemmija ġew mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

7.3. Mill-persuni li l-merti tagħhom ġew diskussi,kien hemm qbil li għandhom jiġu nominati dawk li jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| • Carmelo Bartolo | Premju Anzjanità Sportiva |
| • Philip Vella<br>• John De Bono | Premju Anzjanità Kulturali |
| • Alfred Muscat<br>• Emanuel Pace | Premju Anzjanità Attiva fid-Djar Residenzjali |

**8.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2020** ***(F/1/1/Vol IV)***

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Ġunju 2020 kien jammonta għal €732,279, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €564,398, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €158,881.

8.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti *(Current Asset)* naqas tul is-sitt xhur koperti b'dan ir-rapport u kien jammonta għall-€1,289,286 - tnaqqis ta' €64,717 fuq ta' Marzu 2020 - li €1,114,487 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji, €151,617 kien l-ammont li l-Kunsill kellu jdaħħal, filwaqt li €23,182 huma ħażniet ta' kotba.

8.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti *(Current Liabilities)* telgħu fil-livell ta' €971,292 (Marzu 2020 - €761,059). Dawn jikkonsistu minn kontijiet pendenti *(Payables)* li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż *(accruals)* marbuta ma' servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba, kif ukoll Dħul Differit *(Deferred Income)*. Tal-aħħar huwa relatat ma' ftehim li sar ma' Transport Malta dwar ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin, ir-Restawr tal-Ħajt tas-Sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun, x-xogħlijiet fuq il-Batterija ta' Westreme, kif ukoll il-Public Private Partnership fuq ix-xogħlijiet ta' Triq l-Armier.

8.5. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 26% - tnaqqis ta' 22% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

8.6. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir *(Plant and Equipment),* bejn Jannar u Ġunju, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €716,820 f'Assi Permanenti *(Fixed Assets),* filwaqt li nqatgħu *(Disposals)* b'kemm jiswew €378,544.

8.7. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati sal-aħħar ta' Ġunju 2020 kien ta' €9,698,569, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem l-istess xahar, il-valur nett tagħhom fil-Kotba *(Net Book Value)* kien ta' €2,451,963.

8.8. Il-Kunsill dehrlu li m'hemmx ħtieġa li jsiru ebda *virements*, filwaqt li talab illi r-rendikont sħiħ jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' Settembru 2020.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn l-25 ta' Lulju u l-31 ta' Awwissu 2020;

9.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-15 ta' Awwissu u l-15 ta' Settembru 2020.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.15pm u l-Kunsill aġġorna nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2020 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |